# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum it-Tlieta, 23 ta' Mejju 2017**

**Rikors Ġuramentat Numru: 85/2014 PC**

**Spiridiona sive Diana Camilleri**

**vs**

**Anton Caruana;**
**Tarcisia Haber; u**
**John Haber**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-attriċi, wara li ppremettiet:

Illi l-esponenti hija proprjetarja u fil-pussess tal-fond 48, Triq Marina, Marsalforn limiti ta' Żebbuġ, Għawdex, ġestit bħala restaurant bl-isem "Ta' Pennellu";

Illi minn dan il-fond hemm tieqa li tagħti għal fuq bitħa formanti parti mill-fond tal-intimati Anton Caruana u Tarcisia Haber u ħuthom, bla numru uffiċċjali, fi Triq Ulisse, Marsalforn limiti ta' Żebbuġ, Għawdex;

Illi nhar is-Sibt 20 ta' Settembru 2014, it-tliet intimati personalment waħħlu injama ma' din it-tieqa b'mod u manjiera li mblokkaw l-apertura;

Illi dan l-aġir tal-konvenuti jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin tal-pussess tal-esponenti;

Illi minkejja li ġew interpellati sabiex jispurgaw l-ispoll vjolenti u klandestin minnhom kommess permezz ta' ittra uffiċċjali tat-23 ta' Settembru 2014, l-intimati mhux biss baqgħu inadempjenti imma saħansitra wieġbu fis-sens li ċaħdu t-talbiet tal-esponenti.

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi intom ikkommettejtu spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tar-rikorrenti billi telliftuha fil-pussess ta' ħwejjiġha meta nhar is-Sibt 20 ta' Settembru 2014, it-tliet intimati personalment waħħaltu injama mat-tieqa li tagħti mill-fond 48, Triq Marina, Marsalforn limiti ta' Żebbuġ, Għawdex, ġestit bħala restaurant bl-isem "Ta' Pennellu", għal fuq bitħa formanti parti mill-fond tal-intimati Anton Caruana u Tarcisia Haber u ħuthom, bla numru uffiċċjali, fi Triq Ulisse, Marsalforn limiti Żebbuġ, Għawdex, b'mod u manjiera li mblokkajtu dik l-apertura;

2. Tikkundannakom tisporgaw l-ispoll vjolenti u klandestin minnkom kommess billi terġgħu tneħħu din l-injama u tpoġġu l-apertura fi stat pristinu tagħha u tneħħu kull ostakolu li intom għamiltu fit-tieqa msemmija;

3. Fin-nuqqas illi int *(sic)* teżegwixxu x-xogħolijiet fiż-żmien konċess lilek, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tagħmel dawn ix-xogħolijiet hija a spejjeż tagħkom, okkorrendo taħt id-direzzjoni ta' perit nominand.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali numru 506/2014 tat-23 ta' Settembru 2014 fl-ismijiet premessi, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom inġunti.

Bir-riserva ta' kwalunkwe azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti kontra tagħkom.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti li eċċepew:

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirriżulta ampjament fil-mori tal-kawża u kwindi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

2. Illi l-attriċi trid tipprova li għandha r-rekwiżiti essenzjali kollha tal-actio spolii u dan inter alia a tenur ta' l-Artikolu 535 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 791 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi l-pendenza diġa kienet mertu ta' proċeduri kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Spiridiona Camilleri deċiża anke mill-Qorti tal-Appell Kriminali kontra l-istess attriċi;

4. Illi fi kwalunke każ il-konvenuti ma kkommettew l-ebda spoll.

Salvi eżżezzjonijiet ulterjuri fid-fatt u fid-dritt.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti, l-affidavits u d-dokumenti oħra esebiti.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Marzu 2017 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża ta' **spoll**. Dwar kawża ta' dan it-tip ġie mfisser illi:

*"In tema legali jinghad li l-'***actio spolii***' hija radikata pjuttost fuq l-ezigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jigi mpedut li cittadin privat jiehu l-gustizzja f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak illi jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat;*

*L-art.572 (illum 535) tal-Kodici Civili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa ndubbjament ta' ordni publiku, u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalieh, ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati (ara Kassazzjoni Torin 1 ta' Awissu 1879 in re Borboglio vs.Fischt,Volum XIII, P.1,pag.555 tal-Annali tal-Gurisprudenza). Ma' dan l-artikolu fuq imsemmi tal-ligi citata, ma ghandux jigi minsi l-art.794 (illum 791) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, li jahseb u jghid li kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli hlief eccezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-gurisprudenza lokali u estera (ara Vol.XXXI.I.296 Appell 8 ta' Marzu*

*1943,in re "Francesco Mifsud vs Michele Cassar";Vol.XXI.II.83 P'Awla Civili,20 ta' April 1916,in re 'Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.' konfemata fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917; Kassazzjoni Palermo 27 ta' Ottubru 1899, in re Decarcano vs.Cafici, Foro Catanese Vol.1889, pagna 124; u dan biex ingħataw xi sentenzi);….."*.[1]

Illi, għalhekk, kif ġie ripetutament imfisser mill-qrati tagħna, jenħtieġu tliet elementi sabiex tirnexxi kawża bħal din:

(i) li l-attur kellu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa spoljata (*possedisse*);

(ii) li ġie disturbat f'dan il-pussess (*spoliatum fuisse*); u

(iii) li għamel il-kawża fi żmien xahrejn mill-allegat spoll *(infra bimestre deduxisse*).

*"Jekk imqar xi wiehed minn dawn ir-rekwiziti essenzjali ma jigix ppruvat,l-azzjoni taqa' minghajr ma jkun hemm bzonn li jigi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiziti l-ohra."*[2]

Dwar din l-azzjoni il-**Mattirolo** jispjega illi:

*"La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato e' una misura di ordine pubblico, e' un provvedimento diretto a conservare la pace pubblica. L'articolo 695 del Cocice Civile applica,in tutto il suo rigore,la regola* ***"spoliatus ante omnia restituendus****". Il perche' l'azione di reintegrazione, compiuto lo spoglio, compete a qualunque possessore, astrazione fatta dal carattere del suo possesso, sia pur questo anche solo precario, o di origine illegittima, purche' pero' abbia il carattere esteriore dell'esercizio di un preteso diritto."*[3]

Permezz ta' din il-kawża l-attriċi qed tilmenta li l-konvenuti mblukkawlha tieqa li mill-bitħa tagħha tagħti għal fuq dik tal-konvenuti. Sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talbiet attriċi, jrid jiġi stabilit jekk jeżistux dawn it-tliet elementi fil-każ in eżami.

---

[1] Margħerita Fenech v. Pawla Zammit:Prim'Awla: 12.4.1958 vol.XLII..II.975
[2] Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive de Flavia;Appell Civ. 7.3.1958 – vol.XLII.I.86
[3] Trattato di Dirito Giudiziario Civile Italiano Vol. I. 5 ta.ed.1902 Torino, para. 271

**1. Il-Pussess**: Dwar l-ewwel element indikat hawn fuq, li huwa meħtieġ sabiex tirnexxi kawża ta' spoll, ingħad:

*"Illi l-ewwel rekwizit, kwindi, sabiex l-azzjoni tar-reintegrazzjoni, tista' tigi milqugha bil-favur, huwa li l-instanti jkollu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-haga li fuqha jkun pretiz li sar l-ispoll. L-espressjoni wzata mill-ligi – '**possession of whatever kind**'- dak li jinteressana f'dal kaz - tikkomprendi tant il-pussess civili kemm dak semplicement naturali, u anki dak vizzjuz; imma pero' tesigi dejjem f'dak li jippromwovi din l-azzjoni xi pussess; l-ghaliex, jekk l-attur f'kawza bhal din li fuqha qeghdin nitkellmu ma jkunx ippossjeda l-haga, l-azzjoni hija destinata li ma tirnexxix."*[4]

L-attriċi għandha l-fond tagħha fi Triq Marina, Marsalforn, bil-bitħa retrostanti tiġi tmiss *at right angles* ma' dik fil-fond tal-konvenuti fi Triq Ulisse, kantuniera 'l bogħod.[5] Mhux kontestat li l-attriċi għandha f'din il-bitħa tieqa li tagħti għal fuq il-bitħa tal-konvenuti. Din it-tieqa għandha l-purtelli tagħha jinfetħu għal ġewwa l-bitħa tal-attrici, u hija mbarrata bil-ħadid.[6] Jidher li din it-tieqa għamlet żmien twil imblukkata permezz ta' biċċa *blockboard* minn naħa tal-bitħa tal-konvenuti. [7] Il-konvenuti jgħidu li din l-għata kienet saret minn ċertu Anton Scicluna, li kien jikri l-fond tagħhom, għall-privatezza tiegħu billi kien installa *shower* proprju quddiem din it-tieqa.[8] Dak iż-żmien il-fond illum tal-attriċi ma kienx għadu tagħha.

Biż-żmien, wara li l-fond fi Triq Marina, Marsalforn, ġie f'idejn l-attriċi, din waqqgħetu u nbena blokk ta' appartamenti minfloku.[9] Il-ħajt diviżorju li jifred il-btieħi rispettivi, fejn hemm it-tieqa in kwistjoni, pero' baqa' ma ntmessx. ġara illi meta l-attriċi ikkonvertiet l-appartament terran f'*restaurant*, u saqqfet parti mill-bitħa tagħha, ġiet bżonn din it-tieqa u għalhekk mbuttat 'l barra għal ġo l-bitħa tal-konvenuti, l-injam li kien qed jimblukkalha t-t-tieqa. Hawnhekk bdiet sensiela ta' inċidenti, fejn l-konvenuti jerġgħu ipoġġu l-injam quddiem it-tieqa u l-attriċi terġa' tneħħieh, sakemm il-konvenuti qatgħuha li jagħmlu xi ħaġa iżjed permanenti billi qegħdu pjanca taż-żingu quddiem din it-tieqa.[10]

---

[4] Fenech vs Zammit, gia citata

[5] Ara ritratt Dok.SC 12515.2 a fol.95. (Il-bitha tal-konvenuti hija mmarkata bl-ittra "X").

[6] Ara ritratti Dokti. SC 12515.1 u SC 12515.4 esebiti mill-attriċi a fol. 95 u 96 tal-proċess, u Dok. MV 4 a fol.126

[7] Ara l-istess ritratt Dok. SC 12515.1 li, kif hemm indikat fuq ir-ritratt, inġibed fit-12.08.1994

[8] Ara l-istess ritratt Dok.MV 4 a fol. 126

[9] Ara permessi u applikazzjonijiet Dokti. MV 2 a fol. 117 - 123

[10] Ara Dok. SC 12515.6 a fol. 97

Imma l-attriċi fl-4 ta' Settembu 2013 rnexxiela taqla' din il-pjanċa wkoll,[11] u l-konvenuti ddeċidew li jipproċedu kontriha kriminalment għal *ragion fattasi*. L-attriċi nstabet ħatja fiż-żewġ istanzi.[12] In segwitu għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, il-konvenuti dehrilhom li setgħu jerġgħu jimblukkaw bl-injam it-tieqa in kwistjoni, li pendenti l-proċeduri kriminali baqgħet mikxufa.[13] Kien appuntu dan l-inċident li wassal għall-kawża presenti.

Il-konvenuti jittentaw jiġġustifikaw l-aġir tagħhom billi jikkontendu li l-attriċi kienet tilfet id-dritt tat-tgawdija tas-servitu ta' tieqa, li jidher li kien ġie kostitwit meta l-aventi kawża tagħhom kien xtara l-art li fuqha inbena l-fond tagħhom,[14] minħabba n-nuqqas ta' użu għal iżjed mit-tletin sena li jallegaw li din damet imblukkata, qabel ma bdew l-inċidenti hawn fuq deskritti. Din, pero' hija kwistjoni petitorja li ma tistax tiġi nvestigata f'kawża bħalma hi dik presenti.

Kif jirriżulta mix-xhieda ta' Maria Vella u Dr. Michael Caruana, prodotti mill-konvenuti,[15] it-tieqa in kwistjoni damet miftuħa bejn l-inċident tal-4 ta' Settembru 2013 meta l-attriċi qalgħetilhom il-pjanċa taż-żingu li kienu poġġew qabel il-konvenuti, u l-inċident mertu ta' din il-kawża, meta l-konvenuti reġgħu imblukkaw l-istess tieqa bl-injam, xi jiem wara li ngħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Kienet allura għaddiet sena li fija, tajjeb jew ħażin, l-attriċi kienet tinsab fil-pussess tat-tgawdija tad-dawl u arja minn din it-tieqa. Kif ġie mfisser hawn fuq, huwa stabilt li l-pussess li jrid jiġi kawtelat, għall-fini ta' kawża bħal din, jista' jkun anke sempliċement naturali u saħansitra miksub bil-vjolenza. L-element tal-pussess rikjest mil-liġi jinsab għalhekk ippruvat.

**2. L-ispoll**:

Kif ifisser il-**Mattirolo**:
"*Spoglio <u>violento</u> e' qualunqe atto arbitrario di spogliazione, compiuto contro la volonta' espressa o presunta del possessore, sebbene non si usi contro questo alcuna violenza fizica ne' intervenga per parte del medesimo un'effettivo opposizione all'atto dello spoglio. Onde non e' necessario che la violenza, ossia la spogliazione, sia direttamente praticata contro la persona, … ma basta quella adoperata sulla cosa,…*

[11] Ara ritratt Dok. MV 5 a fol. 127
[12] Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-1 ta' Settembru 2014
[13] Ara deposizzjoni ta' Maria Vella a fol.160 -161, u dik ta' Dr. Michael Caruana a fol. 174
[14] Ara kuntratti esebiti mill-attriċi man-Nota tagħha tat-12 ta' Mejju 2015, a fol. 31 – 85 tal-proċess
[15] Ara Nota 11

*Spoglio* *clandestino* *e' qualunque atto di spogliazione, che avvenga all'insaputa del possessore, anchorche' non sia stato commesso di notte o di soppiatto.*"[16]

Intqal f'dan ir-rigward mill-qrati tagħna:

"*… biex jirrikorri l-element tal-fatt materjali tal-ispoll, mhux mehtieg biex dan ikun vjolenti, li jkun hemm il-vis atrox jew le vie di fatto, imma hu bizzejjed li jkun hemm* *nuqqas ta' kunsens espress jew tacitu*, *ta' min isofri l-ispoll.*"[17]

Is-sentenzi tal-Qrati Kriminali, hawn fuq imsemija, għalkemm taw raġun lill-konvenuti, imkien ma awtorizzawhom sabiex jerġgħu jimblukkaw it-tieqa. Il-fatt tal-ispoll, u ċioe' li t-tieqa tal-attriċi reġgħet ġiet imblukkata in segwitu għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ammess mill-konvenuti li xehdu u mix-xhieda kollha minnhom prodotti. Huwa evidenti wkoll li l-attriċi, li bl-aġir tagħha kienet dejjem qed isostni l-pretensjoni tagħha dwar is-servitu' ta' din it-tieqa, ma kenitx ser tagħti l-kunsens tagħha li din terġa' tiġi mblukkata. Minflok ma ntavolaw kawża ta' spoll kontra l-attriċi, kontestwalment jew minflok il-kawża kriminali istitwita fuq rapport tagħhom, biex jilħqu l-għan tagħhom li jerġgħu jagħlqu din it-tieqa, il-konvenuti għamlu eżattament bħal ma kienet għamlet l-attriċi fl-inċident li wassal għall-kawża kriminali, u qabdu u ħadu l-liġi f'idejhom, ħaġa li l-liġi appuntu trid tevita permezz ta' din il-proċedura. L-element tal-ispoll jinsab għalhekk ippruvat ukoll.

**3. Ix-xahrejn**: L-attriċi qalet fl-affidavit ġuramentat tagħha illi l-att ta' spoll mertu tal-kawża sehh fl-20 ta' Settembru 2014.[18] Ma jidhirx li hu kontestat illi din il-kawża ġiet intavolata fi żmien ix-xahrejn rikjesti mil-liġi mid-data li fiha seħħ lis-spoll. Infatti l-konvenuti jammettu li reġgħu imblukkaw it-tieqa xi jiem wara li kienet ingħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Il-kawża presenti ġiet intavolata fit-23 ta' Ottubru 2014,[19] u għalhekk qabel ma laħqu skadew ix-xahrejn stipulati fil-liġi fir-rigward ta' dan l-inċident.

Għalhekk billi jirriżulta li ġew sodisfatti l-elementi rikjesti mil-liġi għas-suċċess ta' kawża ta' spoll, il-kawża presenti għandha tirnexxi. Konsegwentement tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt li tiċħad l-eċċċzzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attriċi, u

[16] Op. cit. para.270, pag. 253 - 254
[17] Prim' Awla. 26.1.1957: Carmelo Rosario Dimech vs Antonia Fenech et. (kollez. vol.XLI.ii.846); sottolinear ta' din il-Qorti
[18] Ara premessa numru tlieta (3) tar-Rikors Ġuramentat, u l-affidavit tagħha a fol.17 tal-proċess
[19] Ara data tal-prezentata tar-Rikors Ġuramantat a fol. 1

1. Tiddikjara li l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tal-attriċi, billi tellfulha l-pussess ta' ħwejjiġha, meta nhar is-Sibt 20 ta' Settembru 2014, it-tliet konvenuti personalment waħħlu injama mat-tieqa li tagħti mill-fond 48, Triq Marina, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, ġestit bħala *restaurant* bl-isem "ta'Pennellu" għal fuq bitħa formanti parti mill-fond tal-intimati Anton Caruana u ħuthom, bla numru uffiċċjali, fi Triq Ulisse, Marsalfron, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, b'mod u manjera li mblokkaw dik l-apertura;

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex jispurgaw l-ispoll minnhom kommess billi jerġgħu ineħħu din l-injama u jpoġġu l-apertura fl-istat pristinu tagħha, u jneħħu kull ostakolu li għamlu fit-tieqa msemmija; u dan fi żmien xahar mil-lum;

3. Fin-nuqqas li jesegwixxu dan ix-xogħol fiż-żmien konċess, tawtorizza lill-attriċi sabiex tagħmel l-istess xogħolijiet a spejjez tal-konvenuti.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali numru 506/2014 tat-23 ta' Settembu 2014, kontra l-istess konvenuti.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur